MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 426/2002/1

**Carmen Bamber.**

**-vs-**

**John Bamber**
**Ronald Galea**
**Maria Galea.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' April, 2002 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi d-dar konjugali tal-attrici cioe' 'Jurcarhom', Tomna Lane, San Gwann kienet soggetta ghal subbasta bin-numru 66/97 fl-ismijiet Ronald Galea et. v. John Bamber et; u dana in segwitu ta' kawza fl-ismijiet premessi.

Illi l-proceduri tas-subbasta 66/97 huma irriti u nulli stante li kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni ta' din il-kawza ma sarux in ottemperanza mal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta) ghal dak li jikkoncerna kif kellhom isiru n-notifiki u dan b'tali mod li l-attrici sfat mhux notifikata.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(a) prevja li tiddikjara irriti u nulli l-atti tas-subbasta fuq imsemmija, tirrevoka u tikkancella l-istess atti tas-subbasta numru 66/97 fl-ismijiet Ronald Galea et. v. John Bamber et.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Galeaypprezentata fid-19 ta' Frar, 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-proceduri tas-subbasta numru 66/97 fl-ismijiet Ronald Galea *et* vs John Bamber *et* saru skond il-ligi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Galea mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut John Bamber baqa' kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-*punto di vista* legali dak li ta lok ghal din il-kawza jista' jigi ri-epilogat fi ftit kliem. L-attrici qed titlob li jigu dikjarati nulli proceduri ta' subasta illi ttiehdu mill-konvenut Galea fil-konfront ta' zewgha l-konvenut l-iehor Bamber u taghha li permezz taghhom inbieghet id-dar indikata fic-citazzjoni. Hija qed tallega li qatt ma rceviet xejn fil-kors tal-proceduri u li ma kinitx taf li d-dar ser tinbiegh qabel effettivament din inbieghet lill-istess Galea illi akkwista l-fond *animo compensandi.*

L-attrici enfasizzat hafna l-fatt li kif jidher mill-att esebit a fol 49 tal-process ir-rikors fejn intalbet il-bejgh bis-subasta gie notifikat, skond ir-riferta tal-Marixxal, *lil John Bamber et f'idejn Carmen Bamber.* Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax dawn it-tip ta' riferti illi issa ilhom xi snin jaghmlu l-apparanzi taghhom fuq l-atti tal-Qorti. Notifika *lil John Bamber et* assolutament ma taghmilx sens u l-Marixxalli ghandhom jigu avzati ufficcjalment biex ma jibqghux jiktbu dawn il-hmerijiet legali fuq atti ufficjali.

*Per se* ghalhekk din ir-riferta assolutament ma taghmilx sens, madankollu l-attrici ma tistax tibbaza t-talba taghha fuq *gas* -semplici raguni illi ma hemmx dubbju li skond ir-riferta stess l-att in kwistjoni gie konsenjat <u>lilha stess</u>. Allura jekk ma hemmx dubbju illi hija giet notifikata bl-att ma tistax tilmenta li hija ma rcevitx l-istess att u allura ma kienet taf xejn dwar is-subasta. Huwa veru wkoll li suppost kemm l-attrici u kemm zewgha kellhom jigu notifikati izda huwa zgur li hija <u>giet notifikata.</u> Jekk hija ma fethitx l-ittra kien tort taghha, anke jekk hemm dubbju jekk l-ittra kinitx indirizzata lilha. Pero' fuq kollox l-iskop tan-notifika huwa biex il-Qorti tkun assigurata illi l-partijiet tal-vertenza jkunu jafu bis-seduti u b'dak kollu konducenti ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fl-stess vertenza u mhux biex wiehed ifettaq daqshekk dwar il-formalizmi estremi. Il-Qorti hija konvinta li kif gia' qalet fil-kawza li taghha s-sentenza giet esebita a fol 76 tal-process illi l-attrici ma setghetx ma tkunx taf bil-proceduri u hemm diversi

fatturi illi jrendu l-verzjoni taghha m'hix vero simili. Kien ikun kwazi iktar kredibbli zewgha li jghid li ma kienx jaf b'certi affarijiet ghaliex ir-riferti kollha jindikaw li kienet tkun hija stess li tircievi l-atti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Galea u tichad it-talba attrici; l-ispejjes ghandhom jigu mhallsa mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------